Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 18/2014

**Dr. David Zahra għan-nom ta' Doreen Bugeja** **(appellata)**

**vs**

**Boris Arcidiacono Ltd** **(appellanti)**

4 ta' Novembru 2016.

Permezz ta' avviż ippreżentat fit-Tribunal tal-Konsumatur fit-18 ta' Novembru 2013, Doreen Bugeja ippremettiet li fis-17 ta' Ġunju 2011 xtrat sodda mingħand is-soċjeta` intimata speċifikament minħabba l-kundizzjoni medika tagħha. Il-prodott ma kienx konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ u lanqas addattat għall-bżonn tar-rikorrenti li ġie kkomunikat lil Maurice Bugeja, impjegat tal-intimata, li assikuraha li s-sodda tiflaħ għall-piż tagħha u għall-kundizzjoni medika tagħha. Ir-rikorrenti qatt ma ġiet mogħtija t-termini u kundizzjonijiet tal-bejgħ meta xtrat il-prodott. F'Settembru 2012 il-prodott waqaf jiffunzjona. Infurmat lis-soċjeta` intimata li tlett xhur wara aċċettat li ssewwih, sewwietu u rritornatu f'Marzu 2013. Fi żmien ħamest ijiem is-sodda reġgħet bil-ħsara u s-soċjeta` intimata reġgħet ġiet infurmata. Din sostniet li l-prodott kien qiegħed jintuża' ħażin. Reġgħet sewwiet il-prodott bil-kundizzjoni li r-rikorrenti tiffirma dikjarazzjoni li ma terġax tfittixha għal xi ħsarat li jergħu jiġru. Għalhekk talbet lit-Tribunal:

(i) jiddikjara d-dikjarazzjoni msemmija hija nulla għaliex tikkostitwixxi espressjoni mhux ġusta a tenur tal-Kap 378

(ii) jordna li l-prodott jiġi rimpjazzat għax mhux konformi u addattat għall-iskop partikolari li għalih ir-rikorrenti ġiet bżonnu jew

(iii) jirrexxindi l-kuntratt u jordna lill-intimata tirrifondi €3,494.06 prezz imħallas tal-prodott.

Is-soċjeta` intimata eċċepiet:

(i) ir-rikorrenti naqset li tavża n-nuqqas permezz t'att ġudizzjarju u/jew ittra reġistrata kif mitlub mill-Art. 79(1) u (2) tal-Kap 378.

(ii) l-azzjoni hi preskritta bit-terminu ta' sentejn.

(iii) ir-rikorrenti ffirmat li rċeviet is-sodda f'kundizzjoni tajba.

(iv) mhux veru li l-prodott kellu xi nuqqasijiet; il-ħsara seħħet minħabba li r-rikorrenti żdiedet fil-piż.

(v) is-soċjeta`intimata sewwiet is-sodda bi pjaċir u lil hinn mill-obbligi tal-garanzija.

(vi) mhux minnu li d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti tikkostitwixxi espressjoni mhux ġusta.

(vii) mhux minnu li l-prodott ma kienx addattat għall-iskop li għaliha inxtara.

B'sentenza tal-10 ta' Diċembru 2014 it-Tribunal laqa' t-talba u kkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas €3494.06 lir-rikorrenti.

Is-soċjeta` intimata appellat mis-sentenza, bl-aggravju li t-Tribunal:

(i) ċaħad it-tieni eċċezzjoni wara li nterpreta ħażin l-art. 78 Kap 378

(ii) skarta l-art. 79 tal-Kap 378 li jesiġi l-ilment isir b'att ġudizzjarju jew ittra reġistrata

(iii) qies ħażin li d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti tal-21 ta' Frar 2013 tikkostitwixxi espressjoni projbita

(iv) għamel apprezzament ħażin tal-fatti meta sab kontradizzjonijiet fil-provi mressqin mis-soċjeta` intimata.

(v) biddel in-natura tal-azzjoni minn waħda bbażata fuq bejgħ għal waħda ta' servizz

(vi) ikkontradixxa lilu nnifsu għax filli jgħid li kienet difettuża u filli jgħid li ma kinitx addattata għar-rikorrenti

(vii) ma kellhiex tikkundannaha għall-prezz tas-saqqu li m'hemmx kontestazzjoni dwaru.

Ir-rikorrenti wieġbet li t-Tribunal:

(i) sewwa interpreta l-art. 78.

(ii) sewwa interpreta l-art. 79(1).

(iii) sewwa kkonkluda li d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti tal-21.02.2013 tikkostitwixxi espressjoni projbita.

(iv) sewwa evalwa l-provi. Din il-Qorti m'għandhiex tiddisturbaha.

(v) ma snaturax l-azzjoni.

(vi) ma kienx kontradittorju fil-motivazzjoni tiegħu.

(vii) is-saqqu u s-sodda nbiegħu flimkien u biex jikkumplimentaw lil xulxin.

## **Fatti.**

1. F'Ġunju 2011 l-attriċi xtrat sodda mingħand is-soċjeta konvenuta għall-prezz ta' €3,600. Din hi sodda b'muturi sabiex partijiet differenti minnha jkunu jistgħu jitpoġġew f'posizzjoni differenti. Id-ditta li timmanifattura dawn is-sodod timponi restrizzjonijiet ta' piż għal min jużaha; *"In accordance with our recommended use (reclining, reclining movements, sleeping, sitting along the edge), a maximum load over the whole bed surface of 120 kg (moving weight) is admissible without restrictions."*
2. Il-konsenja saret fl-20 ta' Ġunju, 2011.
3. Fil-bidu ta' Awissu 2012 l-attriċi lmentat li s-sodda kellha ħsara. Fil-fatt ġie kkonstat li kien hemm din il-ħsara: *"Head motor broke and head traverse bent. Also other plastic parts and pulleys damaged."* (Dok. BA9).
4. Id-ditta li timmanifattura s-sodda kienet qegħda ssostni li l-ħsara saret minħabba *"wrong treatment of the bed base."* (Dok. BA10).
5. F'ittra legali datata 22 ta' Diċembru 2012, il-konvenuta nfurmat lill-attriċi li għalkemm il-ħsara ma kinitx *quality issue*, kienet disposta li ssir tiswija taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

Il-kondizzjonijiet li jissemmew fl-ittra kienu:

*"i. Boris Arcidiacono Limited is willing, for this one time only, to replace all replacement parts, labour, collection and delivery of the bed Tempur Bed Brown 4 Motor 90 x 200 – 1136313, even though such replacements and labour should be replaced against payment.*
*ii. Ms Doreen Bugeja is hereby acknowledging that the fault in the Tempur Bed Brown 4 Motor 90 x 200 – 1136313 purchased by her does not qualify as a quality issue.*
*iii. All repairs will be done at the supplier's and Boris Aridiacono Limited's expense.*
*iv. Should further replacements or works be needed to the item mentioned above, these will be borne exclusively by Ms Doreen Bugeja in their entirety.*
*v. Ms Doreen Bugeja futher acknowledges that this replacement is not covered by any guarantee or warranty and is being supplied to heer at the discretion of Boris Arcidiacono and its suppliers, since it is not a quality issue."*

Fl-ittra kien hemm ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuta riedet li l-attrici tiffirma:

*"I, Doreen Bugeja, acknowledge that I have read the contents of this letter, and approve of all conditions as contained within and I am hereby giving my consent to Boris Arcidiacono Limited to proceed with the replacement works on the Tempur Bed Brown 4 Motor 90 x 200 – 1136313.*

*I further acknowledge that I shall have no further pretensions against Boris Arcidiacono Limited with regards to the Tempur Bed Brown 4 Motor 90 x 200 – 1136313 and that should further works be required these will be carried out at my expense, unless these are covered by the warranty."*

6. Fid-9 ta' Frar 2013, il-konvenuta reġgħet bagħtet l-ittra tat-22 ta' Diċembru 2012 u talbet lill-attriċi sabiex tiffirma d-dikjarazzjoni.
7. Fit-22 ta' Frar, 2013 l-attriċi ffirmat id-dikjarazzjoni.
8. Il-konvenuta għamlet it-tiswijiet.
9. Wara xi ġimgħa li saru t-tiswijiet, l-attriċi reġgħet ilmentat li wieħed mill-mutur kien waqaf jaħdem. Irriżulta li kien hemm mutur li nqasam fi tnejn.
10. Il-konvenuta bidlet il-mutur. Għalkemm l-attriċi kienet bagħtet ħlas ta' €100, pero' l-konvenuta ma sarrfitx iċ-ċekk.
11. F'Mejju 2013 l-attriċi reġgħet ilmentat li l-mutur kien waqaf.
12. Id-direttur tas-socjeta konvenuta jsostni li: *"Il-kwistjoni kollha hija li meta l-prodott inxtara minn Doreen Bugeja kien tajjeb għal piż li kellha meta xtrat li iżda mbagħad żdied tant li l-ħsarat harġu wara sena li sari l-bejgħ u mbagħad wara t-tiswija ġraw ħsarat fi żmien qasir ħafna."*
13. L-attriċi trid li tingħata sodda li hi tajba għaliha jew

inkellha li tingħata lura l-prezz li ħalset.

**Konsiderazzjoni.**

1. Il-qorti ma tarax kif hemm il-preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu 78 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378). Il-garanzija tal-kummerċjant għall-prodott tgħodd għal sentejn minn meta ssir il-kunsinna tal-oġġett. Perjodu li jiġi sospiż jekk ikun hemm negozjati dwar il-garanzija. Il-prodott inxtara fil-bidu ta' Ġunju 2011. L-ilment sar f'Settembru 2012, ċjoe' meta s-sentejn kienu għadhom m'għaddewx. Għalhekk il-konsumatur irid jinduna bin-nuqqas ta' konformita' tal-oġġett matul is-sentejn mid-data tal-kunsinna.

2. L-artikolu 79 jipprovdi li sabiex konsumatur ikun jista' jieħu benefiċċju mir-rimedji li huma disponibbli f'dik it-Taqsima, għandu, *"..... javża lill-kummerċjant* ***bil-miktub*** *b'kull nuqqas ta' konformita' fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak in-nuqqas ta' konformita."* Il-prova li ngħata avviż bil-miktub kellha ovvjament issir mill-attriċi, li pero' ma saritx. Skont regolament 5.2 tad-Direttiva 1999/44: *"Member States may provide that, in order to benefit from his rights, the consumer must inform the seller of the lack of conformity within a period of two months from the date on which he detected such lack of conformity"*. Ir-regolament ma jgħidx kif il-konsumatur għandu jgħarraf lill-kummerċjant, filwaqt li l-liġi Maltija tipprovdi li l-avviż għandu jingħata bil-miktub. Hu evidenti li l-liġi Maltija għamlet kundizzjoni li ma teżistix fil-liġi Ewropea (f'dan ir-rigward ara paragrafu 26 fis-sentenza C-150/80 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea). Kif qalet l-istess qorti fil-każ C-397/01:

   *"113. Thus when it applies domestic law, and in particular legislative provisions specifically adopted for the purpose of implementing the requirements of a directive, the national court is bound to interpret national law, so far as possible, in the light of the wording and the purpose of the directive concerned in order to achieve the result sought by the directive and consequently comply with the third paragraph of Article 249 EC....*

   *114. The requirement for national law to be interpreted in conformity with Community law is inherent in the system of the Treaty, since it permits the national court, for the matters within its jurisdiction, to ensure the full effectiveness of*

*Community law when it determines the dispute before it…."*

Għaldaqstant it-tieni aggravju hu miċħud.

3. Għal dak li jikkonċerna id-dikjarazzjoni li l-attriċi ffirmat fil-21 ta' Frar 2013, it-Tribunal għamel riferenza ghall-artikolu 44(2)(a) u (c) tal-Kap. 378 u kkonkluda li d-dikjarazzjoni li ffirmat l-attriċi, *"…. Jikkostitwixxu espressjonijiet projbiti, liema dikjarazzjoni għandha titqies bħal li kieku qatt ma ġiet iffirmata mir-rikorrenti, u li għalhekk it-Tribunal m'huwiex ser jieħu konjizzjoni tagħha."* Dan m'huwiex korrett. Skont l-Artikolu 81 tal-Kap. 378: *"Ebda klawżola kuntrattwali jew ftehim magħmul mill-konsumatur mal-kummerċjant* ***qabel ma n-nuqqas ta' konformita' jiġi mgħarraf lill-kummerċjant*** *ma jkunu jorbtu lill-konsumatur jekk dawk il-klawżoli jew ftehim b'mod sew dirett jew mhux dirett ikunu jwarrbu jew jirrestrinġu d-drittijiet disponibbli taħt din it-Taqsima."* (ara regolament 7.1 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea, 1999/44). Il-liġi ma tipprojbixxix rinunzja ta' drittijiet wara li l-konsumatur ikun skopra n-nuqqas ta' konformita. Id-dikjarazzjoni in kwistjoni saret wara li tqajjem l-ilment, u għalhekk valida. Probabilment dak li kien qiegħed jiġri ma kienx riżultat ta' difett fis-sodda iżda għal fatt li s-sodda ma kinitx adattata għall-piż tal-attriċi. Il-ħsara fis-sodda saret ftit wara li għaddiet l-ewwel sena minn meta saret il-kunsinna tas-sodda. Għalhekk ma tapplikax il-preżunzjoni kontemplata fl-artikolu 80 tal-Kap. 378. Għalkemm il-konvenuta xehedet, *"Jiena konvinta li hemm xi ħaġa hażina fis-sodda li minħabba fiha qed imur kull darba l-mutur u mhux għax tqila jiena."* m'hemmx prova li s-sodda hi difettuża. Dan apparti li fid-dikjarazzjoni li ffirmat fi Frar 2013, jingħad li taċċetta li s-sodda *"…purchased by her does not classify as a quality issue."*

4. Boris Arcidiacono xehed li meta sar in-negozju, kien għarraf lill-attriċi li jekk tiżen 90 kilo jew iktar, is-sodda ma kinitx tajba għaliha. Il-konvenuta caħdet li ngħatat dan it-tagħrif. Min-naħa l-oħra Maurice Bugeja, impjegat tal-konvenuta, xehed li hu kien preżenti fil-ħanut dakinhar li sar il-bejgħ. Spjega, *"… jiena irrakomandajtilha dik ta' b'erba' muturi li*

*tieħu piż massimu ta' 120 kilos. Ma niftakarx jekk tajthiex din l-informazzjoni lis-sinjura. Kont kważi ċert li din kienet is-sodda addattata għaliha. Assumejt li tiflaħha."* Ix-xhud qatt ma qal li Boris Arcidiacono kien preżenti, li min-naħa tiegħu ta verżjonijiet konfliġġenti bejn dak li xehed fl-affidavit u fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014[1], u dak li xehed fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2014[2]. Min-naħa l-oħra l-attrici xehedet li meta xtrat is-sodda ma ġietx mistoqsija kemm kienet tiżen u lanqas ma ġiet infurmata bil-piż li tiflaħ is-sodda. Il-verżjoni tal-attrici ġiet korraborata minn Frank Bugeja li qal: *"...nikkonferma li r-rikorrenti ppruvat kemm is-sodda u fl-ebda ħin ma ssemma toqol."* Il-qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn ma temminx lill-attriċi. Pero' żżid li:

i. fuq bażi ta' probabilta, 'il fatt li l-attriċi użat is-sodda għal iktar minn sena, hi prova ċirkostanzjali li fiż-żmien li nxtrat is-sodda kienet addattata għall piż tal-attriċi u ma kellhiex difetti. Ġialadarba l-attriċi xtrat din is-sodda minħabba kundizzjoni medika, probabilment kienet qegħda tagħmel użu minnha regolarment. Il-ħsara estensiva li sofriet is-sodda li ma kinitx limitata għall-mutur (ara ritratti eżibiti), hi ndikattiva li ma kellhiex x'taqsam ma' difett li kien jeżisti fiż-żmien li nxtrat.

ii. meta saret il-ħsara fl-ewwel okkazzjoni, il-piż tal-attriċi kien issemma minn Boris Arcidiacono. Fil-fatt l-attriċi stess xehedet, *"Beda jinsisti li kien it-tort tiegħi r-raġuni għalfejn il-mutur kien mar u talabni nħallas 450 biex jinbidel."* F'seduta oħra qalet: *"Anke meta l-intimat ġie d-dar tiegħi l-ewwel darba li l-mutur kien difettuż huwa kien semma biss il-piż ta' 120 kilos."* (seduta tat-12.11.2014). Għalhekk probabilment din id-darba ssemma minn Arcidiacono li l-ħsara kienet konnessa mal-piż tal-attriċi. Saħansitra d-ditta estera li mmanifatturat is-sodda kitbet: *"As explained to Boris at phone, our quality manager and also Mr Ruthmann*

---

[1] *".... Jiena kont preżenti meta ġiet l-ewwel u t-tieni darba għas-sodda in kwistjoni. Nikkonferma li jiena kellimtha u staqsejtha l-piż kif normalment nagħmlu u ngħid li jiena għidtilha li jekk tiżen 90kg jew aktar din is-sodda mhix tajba għaliha."*

[2] *"..... l-ewwel darba illi r-rikorrenti marret il-ħanut huwa fil-fatt ma kienx kellem lir-rikorrenti dwar il-piż tagħha pero' kien biss ġibed l-attenzjoni ta' Maurice Bugeja dwar dan."*

*have checked the photos which you sent us and are convinced that the damage was caused by wrong treatment of the bed base."* F'kull każ il-partijiet waslu fi transazzjoni, u l-konvenuta għamlet it-tiswija għas-spejjeż tagħha wara li l-attriċi ffirmat dikjarazzjoni li tgħid ukoll: *"I further acknowledge that **I shall have no further pretensions against Boris Arcidiacono Limited with regards to the Tempur Bed Brown 4 Motor 90 x 200 – 1136313**…."* Kliem ċar li ma jħalli l-ebda dubju dwar it-tifsira tiegħu. Għalkemm mill-ittra hu evidenti li l-attriċi ma rrinunżjatx għall-garanzija, pero dak li kien qiegħed jiġri ma kellu x'jaqsam xejn mal-garanzija in kwantu m'hemmx prova li l-ħsara kienet minħabba xi difett fis-sodda. Il-konvenuta mill-bidunett kienet qegħda ssostni li s-sodda ma kinitx difettuża u li kienet disposta tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' tiswija diment li l-attriċi tiffirma d-dikjarazzjoni. F'dak l-istadju l-attriċi kellha kull opportunita li tirrifjuta li tiffirmaha. 'Il fatt li ffirmat xi xahrejn wara li l-konvenuta għamlet il-proposta hi fiha nnifisha prova li l-attriċi m'għaġġlitx u ħadet iż-żmien li kellha bżonn qabel tat il-kunsens tagħha. Pero' ladarba waslet fi ftehim u ddikajrat li ma kellhiex iktar pretensjoni fir-rigward tas-sodda, ma tistax wara tibdel il-fehma u tippretendi li jinħall il-bejgħ billi targumenta li, *"…l-prodott ma kienx wieħed konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjonijiet fil-kuntratt ta' bejgħ u, aktar u aktar, il-prodott ma kienx adattat għall-iskop partikolari li għalih ġejt bżonn il-prodott."*[3]

**Għaldaqstant tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2014, u tiddeċiedi l-kawża billi:-**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.**
2. **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni.**
3. **Tilqa' l-eċċezzjoni fil-meritu u tiċħad it-talba tal-attriċi.**

**Spejjeż kollha jinqasmu in kwantu għal terz a karigu tal-konvenuta u żewġ terzi a karigu tal-attriċi.**

---

[3] Dikjarazzjoni tal-attriċi fid-dokument li bih ipproponiet il-proċeduri quddiem it-Tribunal.

Anthony Ellul